# SAN PAWL F'MALTA *

"U meta Pawlu ġabar qabda għasieleġ u qigħedhom fuq in-nar, lifgħa qabżet barra, mħabba fil-ħruq."
(Atti tal-Appostli, Kap. XXVIII)

Qalbu siekta fil-qawwa ta' profeta,
  kif ġarb il-mewġ itbiegħed,
Niżel ir-raġel ta' setgħet bostana
  fuq l-art li hu kien wiegħed.

Niżel fuq l-art; mhux biex jistrieħ, jew l-anġli
  jistenna jduru miegħu:
Għasluġ u lsien tan-nar biss jagħtu xhieda
  tal-ħaqq u t-tjieba tiegħu.

Iżda meta tal-lifgħa ħass il-weġgħa
  l-għajnuna malajr ġiet:
Nisrani! minhaw tgħallem agħmel dmirek;
  il-bqija lis-smewwiet.

DUN KARM.

* Miġjuba fil-Malti mill-Ingliż ta' John Henry Cardinal Newman.